MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Numru. 798/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Christopher Sammut**

**Kumpilazzjoni Nru: 798/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Sammut, ta’ 42 sena, bin Emanuel u Josephine nee’ Ellul, imwieled Sqallija fl-14 ta’ Jannar 1972,

residenti fil-fond bin-numru 126, Triq Anibal Preca, Lija u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 538772(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar is-7 ta' Marzu 2014 ghal habta tal-hdax ta' filghaxija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq aggravat bil-mezz u bil-hin ura b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha;
2. U akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' f'vettrina tal-hgieg tal-hanut Neros, liema hsara li ma tiskorrix €116.47 li, saret ghad-dannu ta' Diane Calleja u/jew ta' persuni ohra; u
3. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(f), 263, 264 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat attentat ta’ serq mill-hanut Nero’s fi Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun, nhar is-7 ta’ Marzu 2014.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li meta nhar it-8 ta’ Marzu 2014 fil-ghodu salesgirl f’dan il-hanut marret biex tiftah il-hanut irrealizzat li kien hemm sinjali ta’ sgass mal-bieb; hi ghalhekk cemplet lil sid il-hanut, certu Diane Calleja. Calleja marret fuq il-post u kkonfermat dak li qaltilha s-salesgirl u kkonstatat li l-hgieg tal-bieb kien in parti mifqugh u inparti mxaqqaq; il-bieb kien ghadu msakkar pero u minn ghamel din il-hsara ma rnexxielux jidhol fil-hanut. Dwar dan Calleja ghamlet rapport mal-pulizija. Peress li mal-hanut hemm CCTV, dak li gara gie recorded u l-filmat relattiv huwa esebiet in atti.

Illi minn dawn il-filmati[1] jidher l-imputat qed javvicina l-hanut in ezami, jimbotta u jissara mal-bieb u anke jitla’ fuq it-targa tal-hanut biex ikun jista jaghmel aktar forza mal-hgieg u s-serratura. Jidher li ma rnexxielux jottjeni access ghall-hanut ghalhekk telaq ‘l hemm.

Illi Calleja prezentat stima ta’l-ispejjez biex tissewwal-hsara; din tammonta ghal hames mija tnjen u erbghin Euro u tmenin centezmu (€542.80).

Ikkunisdrat

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b’attentat ta’ serq aggravat bil-mezz u l-hin, hsara volontarja u recidiva.

Illi mill-filmat esebiet ma jista’ jkun hemm l-ebda dubbju li l-persuna li tidher fih qed tissara mal-bieb hija l-imputat. Li giet ikkawzata hsara fil-bieb kif

[1] Mill-filmati li hemmm fuq il-CD (mehuda minn zewg cameras) esebieta bhala Dok SM8, dawk l-aktar relevanti huma s-segwenti: ch01_20140307230426 u ch04_20140307230401.

deskritta minn Calleja jirrizulta ukoll ghaliex din giet accertata minn WPS313 Christine Bonnici li marret fuq il-post biex tinvestiga r-rapport.

Illi ghalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-hsara konstatata giet ikkawzata mill-imputat. Ghandu jinghad f'dan ir-rigward li ghalkemm l-istima esebita tirreferi ghall-ammont ta' €542.80, permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi hsara volontarja li ma tiskorriex €116.47 cioe r-reat prospettat f'l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. La darba l-imputazzjoni dwar hsara giet limitata f'dawn it-termini l-imputat jista' jinstab hati ta'l-imputazzjoni kif dedotta u mhux ta' hsara volontarja f'ammont ikbar.

Illi permezz ta'l-ewwel impujtazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'tentattiv ta' serq.

Illi fir-rigward ta' dan ir-reat id-difiza tikkontendi li r-reat ma giex ikkunsmat ghaliex l-imputat waqaf minn rajh. Id-difiza tikkontendi li konsegwentement l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' serq ma tistax tissussisti imma l-imputat ghandu jinstab hati biss jekk l-atti li lahaq ikkommetta jikostitwixxu xi reat iehor. Il-Qorti pero ma tikkondividiex din it-tezi.

Illi dwar 'l hekk imsejjah *volontary desistance* Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem hekk:

> *In general terms it amy be said that the law grants its indulgence to the attempt when volontarily abandoned by the offender not when impeded or frustrated*[2]

[2] Notes on Criminal Law Vol II pagna 109.

*The Law does not require that the desistance should be absolutely spontaneous i.e. promoted by repentance ...... The Law is satisfied if the desistance is volontary or in other words, if the determinationof the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independant of his will. ...... But Maino suggests that one should be careful not to confuse desistance with is merely non repetition of the attempt. One can speak of desistance when apart from the act or acts already done, other acts would still be required to be done by the agent. When on the contrary the agent has done the act or the whole of the series of acts which would normally consummate the crime but the consummation was prevented by an accidental cause independent of his will, one can no longer speak of desistance but but only of non repetition if the agent refrains from returning to the attack*[3]*.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ma kompliex fit-twettieq tar-reat mhux minhabba xi ripensament da parti tieghu, imma ghaliex il-hgieg kien b'sahhtu u ma setghax jinkiser; u minhabba xi nies u karozzi ghaddejjin fit-triq[4] ma setghax jaghmel il-forza necessarja biex il-hgieg jifqghu kompletament. Ghalhekk l-imputat *refrained from returning to the attack* u konsegwentement dak li gara ma kienx *desistance but only the non repetition*.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat jista' jinstab hati ta' tentattiv ta' serq b'l-aggravji indikati fic-citazzjoni.

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva.

[3] Op cit pagna 114 et seq

[4] Jidhru fil-filmati li hemm fic-CD esebiet.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat tlett sentenzi u cioe dawk datati:

- 19 ta' Lulju 2010 permezz ta' liema gie ikkundannat sebgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn[5];
- 21 ta' Marzu 2012 permezz ta' liema tpogga taht probation ghal perjodu ta' tlett snin[6];
- 11 ta' Gunju 2012 permezz ta' liema tpogga taht probation ghal perjodu ta' tlett snin u l-perjodu operattiv tas-sentenza datata 19 ta' Luju 2010 gie estiez ghal sentejn ohra[7].

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-kaz in ezami, u minhabba li s-sentenza li fuqha hija bazata l-imputazzjoni hija sentenza sospieza[8], allura determinanti ukoll huma l-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kapitolu 9.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena***[9]*, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

[5] Dok SM11a fol 53.
[6] Dok SM9 a fol 47
[7] Dok SM10 a fol 50
[8] Il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni s-sentenza l-ohra peremzz ta' liema l-imputat tpogga taht probation stante li din mhiex kundanna.
[9] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv.*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

> *Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat lieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50* ***ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura***[10]*.*

Illi ghalhekk sentenza sospieza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

Illi permezz ta' tnejn mis-sentenzi fuq imsemmija l-imputat tpogga taht ordni ta' probation; dawn is-sentenzi ma jistghux jitqiesu bhala kundanni u ghalhekk ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta'l-imputazzjoni issa in ezami.

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Illi s-sentenza l-ohra cioe dik datata 19 ta' Luju 2010 l-imputat inghata sentenza ta' sebgha xhur prigunerija; il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kien estiez sa'l-10 ta' Gunju 2014. Ghalhekk meta l-imputat ikkommetta r-reati mertu tal-proceduri odjerni l-perjodu operativ ta' dik is-sentenza kien ghadu qed jiddekorri; konsegwentement dik s-sentenza ma tistax titqies ai fini ta'l-artikolu 50.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Minn din il-fedina penali jirrizulta li tul is-snin l-imputat instab hati ta' diversi reati u inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati inkluz diversi ordnijiet ta' probation u anke sentenzi sospiezi. Jidher car li dawn il-mizuri li ttiehdu minn zmien ghal zmien ma hallewx ir-rizultat mixtieq u l-imputat ghadu m'gharafx jirriabilita lilu nifsu. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista taghti hija wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 261(b)(f), 263, 264 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijIet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------